**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 406/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Raymond Grima**

Illum, 13 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Raymond Grima, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 328260M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Diċembru 2022 għall-ħabta ta' 09:44hrs fi Triq San Martin, San Pawl il-Baħar:

1. Saq vettura Nru. HAP-662 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda);
2. Saq vettura Nru. HAP-662 mingħajr ma kienet koperta polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Ottubru 2023, fejn wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 u l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundanatu jħallas multa fl-ammont totali ta' €2,400. B'zieda

mal-piena, il-Qorti applikat d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u tmint ijiem. Fuq talba tad-difiża awtorizzat li l-multa titħallas fuq medda ta' 24 xahar f'pagamenti rateali u ugwali ta' €100-il wieħed.

Rat ir-rikors tal-appellant, Raymond Grima, ippreżentat fit-30 ta' Ottubru 2023, fejn talab lil din l-Qorti tħassar, tikkanċella u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-uniku aggravju imqanqal mill-appellant jikkonċerna dik il-parti tas-sentenza appellata fejn kienet imwarrba mill-Ewwel Qorti id-difiża mressqa minnu illi l-lok fejn huwa kien imwaqqaf mill-pulizija, u allura fejn seħħew ir-reati lilu addebitati huwa indikat ħażin fiċ-ċitazzjoni sabiex b'hekk, fil-fehma tiegħu huwa qatt ma seta' jkun misjub ħati kif mixli.

Illi minn qari taċ-ċitazzjoni jirriżulta illi l-lok fejn seħħ il-kummissjoni ta' reati addebitati lill-appellant huwa indikat bħala Triq San Martin, San Pawl il-Baħar. L-appellant jikkontendi illi l-lok fejn waqqfuh l-*enforcement officers* ġġib l-isem ta' Triq Ġnien Borg u mhux Triq San Martin, u għalkemm dan il-punt tqajjem quddiem l-Ewwel Qorti, il-Prosekuzzjoni ma talbet ebda korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni, għalkemm mill-indikazzjoni magħmula mix-xhud EO262 fuq il-pjanti eżebiti in atti, Dokumenti X u Y, kien evidenti illi l-lok minnu ndikat ma kienx jinsab fi Triq San Martin. Illi l-appellant isostni illi dan kellu jkun evidenti għall-Ewwel Qorti mill-pjanta minnu eżebita u mmarkata bħala Dokument Y fejn hemm tidher tabella li tindika l-isem tat-triq. Kwindi huwa tal-fehma, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti, illi

b'hekk inħoloq dak id-dubbju dettat mir-raġuni dwar ir-reita' li kellu jimmilita favur tiegħu.

Illi ix-xhud Jonathan Vassallo, EO262, jindika fix-xiehda tiegħu illi l-appellant kien imwaqqaf fil-bypass ta' Għajn Tuffieħa u jikkonferma illi t-triq dak iż-żmien kien jisimha Triq San Martin, San Pawl il-Baħar. Issa mill-marka li għamel dan ix-xhud fuq il-pjanti eżebti bħala dokumenti X u Y mid-difiża, jidher illi l-appellant kien imwaqqaf fl-inkroċju li mill-bypass ta' Għajn Tuffieħa jieħu għal Triq San Martin bil-pjanta eżebita Dokument Y tindika tabbella, iżda fil-parti iktar 'l isfel tat-triq li tieħu mill-bypass għal Triq San Martin, bl-isem Triq Ġnien Borg li imbagħad tikkonverġi fi Triq San Martin.

Illi allura dan ifisser, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, illi l-lok fejn kienu kommessi r-reati kien indikat sew fiċ-ċitazzjoni fejn ma hemmx għalfejn illi l-lok jkun indikat bil-preċiż, iżda huwa biżżejjed li jiġi indikat b'mod approssimattiv b'tali mod li l-imputat jkollu dik l-informazzjoni meħtieġa fir-rigward tad-data, ħin u lok sabiex ikun jista' tipprepara d-difiża tiegħu. Illi ċ-ċitazzjoni, kif dejjem ribadit, hija sempliċment avviż sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem il-Qorti u jwieġeb għall-akkużi lilu addebitati u li, kif ingħad, fiha jkun hemm biżżejjed tagħrif sabiex ikun jista' jilqa' għal dawn l-akkużi.

Illi ma jistax jingħad għalhekk illi f'dan il-każ il-lok fejn kienu kommessi ir-reati kien indikat b'mod żbaljat billi l-parti immarkata bl-aħmar fuq il-pjanta dokument Y hija dik il-parti tat-triq fejn tibda Triq San Martin, ġewwa San Pawl il-Baħar. Illi fuq kollox ma kienx biżżejjed għad-difiża li tippreżenta ritratt meħud minn *Google maps* b' *image capture* li tmur lura għall-Novembru 2016 meta d-data indikata fiċ-ċitazzjoni hija dik tas-sena 2022, u allura tali prova kienet wisq fjakka u kellha ssir b'mod uffiċjali sabiex din id-difiża tkun iktar b'saħħitha. Għaldaqstant l-aggravju imqanqal mill-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha. It-terminu għal ħlas tal-multa ta' €2400 jibda jiddekorri mill-aħħar tax-xahar ta' Settembru 2024, bil-pagamenti mensili ta' €100-**

**il wieħed isir fl-aħħar ta' kull xahar sussegwenti, b'dan illi jekk l-appellant jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ rimanenti jkun dovut f'salt u konvertit fi priġunerija skont il-liġi. It-terminu ta' tnax il-xahar u tmint ijiem ta' skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellant tibda tiddekorri mid-disgħa ta' għada fil-għodu.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**